# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Gunju, 2001**

**Numru : 25**
**Citaz. Numru : 2368/00/RCP**

**James Camilleri and Son Limited**

**vs**

**Hallett Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew:-

Illi is-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socejta konvenuta;

Illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta attrici ta' elf mija u seba' Liri Maltin (LM1,107.00) li s-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx;

Illi, ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socejta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' LM1107;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali, datata ghaxra ta' Lulju 2000, kontra s-socjeta konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elf, mija u seba' liri Maltin (LM1107);

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali, datata ghaxra ta' Lulju 2000, kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**1 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Gunju, 2001**